MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Numru 872/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta et)**
**vs**
**Salih Bnu Omar bin Naser**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Salih Bnu Omar bin Naser ta' 36 sena bin Omar u Bashra imwieled El Mahdija Tunes u residenti f'post mhux maghruf, detentur ta' passaport numru M745718, akkuzat talli:

a. nhar it-18 ta' Ottubru ghal habta ta' 8.30 ta' filghaxija fi Triq William Reed il-Gzira, bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Urpani, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta diversi daqqiet ta' arma li taqta u bil-ponta lill-istess Joseph Urpani, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 216 u 217 tal-Kap 9;

b. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Urpani liema ferita twettqet b’arma li taqta u bil-ponta skond ma gie ccertifikat mit-tabib Dr. R. Tonna;

c. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr licenzja mahruga mill-Kummisssarju tal-Pulizija kellu fil-pussess tieghu u garr arma li taqta u bil-ponta barra minn xi fond jew f’post li jaghmel mieghu;

d. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qed iwettaq delitt kellu fil-pussess arma regolari;

e. nhar it-18 ta’ Ottubru 2002 fil-Gzira fi Triq William Reed f’xi hin filghaxija ikkommetta serq ta’ flus minn fond Eagle Flats, Flat 1B, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u lok u li sehh ghad-dannu ta’ Miriam Bugeja;

f. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn Lm50 izda anqas minn Lm500 u li sar ghad-detriment ta’ Miriam Bugeja;

Il-Qorti giet mitluba li fil-kaz ta’ htija, minbarra l-piena li taghti stabbilita mill-ligi, tiddikjara lill-imsemmi Salih Bnu Omar bin Naser bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta’ tnehhija kontra tieghu skond l-Artikolu 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa mixli b'diversi reati senjatament b'attentat ta' ferita gravi, li ikkaguna feriti hfief, li kien fil-pussess u igorr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, b'serq ta' flus mill-appartament '1B' formanti parti korp ta' appartamenti maghrufa bhala 'Eagle Flats', bi hsara volontarja fl-istess appartament.

L-akkuzi joriginaw minn incident wiehed li sehh fit-18 ta' Ottubru tas-sena l-ohra fil-waqt li rrizulta li kienet ghadha kemm sehhet serqa mill-appartament fuq indikat li rrizulta kien ir-residenza ta' Miriam Bugeja, l-kunjata tas-surgent Urpani, li sussegwentement safa ferut lievement.  Il-fatti ta' kif hu allegat li graw l-eventi li waslu ghall-feriment tas-surgent huma, skond hu u xhieda minnu prodotti, li xi ftit tal-hin wara s-serqa s-surgent induna bil-presenza ta' tnejn minn nies ta' nazzjonalita' Gharbija li kienu fejn il-korp tal-appartamenti u li kien qabel osservhom nizlin mit-taraq intern tal-korp ta' l-istess appartamenti.  Billi hemmhekk is-surgent kien gja edott mis-serqa billi kien ivverifika l-appartament, hu waqqaf liz-zewg persuni u intimhom, wara li avzhom li kien pulizija, biex joqghodu fejn kienu sakemm jigu pulizija ohra li l-istess surgent kien gja staqsa sabiex jintbghatu.  Fi kliem is-surgent d-dinamika tal-fatti li taw lok ghall-ewwel korriment tieghu, sehhet meta l-imputat rega tbaxxa u hareg caruta, kulur bajdani, li dehret kienet qmis, li ta lil siehbu; rega tbaxxa u hareg sikkina; sieheb l-imputat hawnhekk tah l-assalt u l-istess imputat xejjer is-sikkina u laqtu fi spaltu l-leminija; l-imputat u siehbu telqu jigru u s-surgent telaq jigri wara l-imputat; intlaqat almenu f'okkazzjoni ohra mill-imputat bis-sikkina waqt l-insegwiment;  eventwalment l-imputat dahal f'parapett u ntefa mindud mal-art; waslu pulizija ohra li arrestaw l-imputat u elevaw is-sikkina.

Illi da parti tieghu l-imputat jaghti versjoni differenti. Filwaqt li ma nnegax li kien fuq il-lok fejn avverrat ruhha s-serqa u l-incident li segwa, ukoll li kellu u kien qieghed igorr sikkina, insista li safa vittma ta' aggressjoni minn hames persuni fosthom is-surgent Urpani.  Fi kliemu hu

rahom gejjin (b'referenza ghal hames persuni) ghal fuqu pero ma deherlux li kellu jitlaq' Kellu flus fis-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u tletin dollaru amerikan, passaport u bagalja u sikkina sabiex jaqta l-hobz u xi haxix. Hu ma fehemx x'kienu qed jghidulu l-hames persuni li gew ghal fuqu u fetah il-bagalja u hargilhom l-affarijiet. Ghamel hekk ghax beza' minnhom. L-ewwel daqqa qalaghha f'ghajnu. Minhabba daqqiet ohra li qala wara mal-art u ghal xi mument intilef minn sensih. In-nies telqu minbarra s-Surgent Urpani. Sussegwentement gew il-pulizija u safa vittma ta' aktar daqqiet u garrab ferita f'saqajh, f'genbu u dahru. Ittiehed l-isptar mill-pulizija u wara li gie rilaxxjat ittiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Stqarr li s-sikkina qabadha f'idejh biss meta fetah l-affarijiet izda cahad li xejjirha.

Ikkunsidrat:

Li hu pacifiku li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuzi sal grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni, u l-akkuzat, sakemm il-prosekuzzjoni ma taghmilx din il-prova, m'ghandux ghalfejn jghid xejn. F'kull kaz pero l-grad tal-prova li irid jasal ghaliha l-imputat hija dik tal-probabbli tenut kont pero r-regola li jekk il-prosekuzzjoni tkun ghamlet prova prima facie l-imputat ikun tenut jaghmel il-prova kuntrarja.

Illi rigward l-akkuzi dedotti, u kkunsidrat kollox ma kollox, il-Qorti tikkummenta kif isegwi:

- li ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna l-ligi tirrikjedi intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira din il-hsara, u jwiegeb ghall-konsegwenzi **kollha** li efettivament jirrizultaw minhabba l-ghemil tieghu - dolus indeterminatus determinatur ab exitu.

- li fil-kaz in ezami l-Qorti ma tara ebda estremi ta' provokazzjoni u legittima difiza li l-imputat kien intitolat ghalihom. Mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, li din il-Qorti hi sodisfatta tirrifletti l-fatti, jirrizulta li l-imputat flimkien ma siehbu aggredew lis-surgent u kien l-imputat li

l-ewwel xejjer bis-sikkina u sussegwentement telaq jigri. B'dan il-Qorti mhux qeghha tghid li ma kienx hemm kolutazzjoni izda lanqas m' ghandha dubbju li kien l-imputat li ikkaguna l-feriti fuq is-surgent permezz tas-sikkina.

- li ma jidhirlix li mill-fatti kif esposti kien hemm xi intenzjoni minn naha tal-imputat li jikkaguna griehi ta' natura gravi.

- li l-provi ma jwasslux il-Qorti li ssib l-imputat hati wkoll tas-serq jew l-hsara volontarja.

- li lanqas ma hemm il-prova li l-imputat ma kellux licenzja biex izomm is-sikkina stante li la l-Kummissarju u lanqas rapprezentant tieghu ma xehed fir-rigward u f'kull kaz il-fatt tal-licenzja o meno ma tirrizultax.

Inghad dan ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi ssib l-imputat hati tat-tieni akkuza u tilliberah mill-kumplament.  Rat l-Artikolu 221 tal-Kap 9 u tikkundannah tlett xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas dak li l-imputat gja ghamel taht arrest preventiv.  Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tal-Kap 217 il-Qorti tirriserva li tiddisponi wara rikors appositu ai termini tal-istess artikolu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------